# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru : 872/2014JPG**
**Kawza Numru : 18**

**AC Enterprise Limited (C49755)**

**VS**

**Frankie Jenkins (ID 462772M)**
**u martu Michelle Jenkins (ID 432372M)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' AC Enterprises Limited (C49755) li jaqra hekk:

1. *"Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta' hamsa u tletin elf erba' mija sebgha u sittin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€35,467.26) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal diversi konsenji ta' rham mibjugha u konsenjati lilhom mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom stess, u dana kif jirrizulta mill-anness statement u delivery note (Dok. "AC 1" u Dok . "AC 2");*

2. *Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess socjeti attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap.*

*12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici, il-konvenuti m'ghandom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.*

3. *Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ripetutament sabiex jhallsu l-imsemmi ammont huma baqghu inadempjenti u ma hallsux.*

4. *Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.*

5. *Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, s-socjeta' attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hamsa u tletin elf erba' mija, sebgha u sittin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€35 ,467.26) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal diversi konsenji ta' rham mibjugha u konsenjati lilhom mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom stess, u dana kif jirrizulta mill-anness statement u delivery note (Dok. "AC 1" u Dok. "AC 2");*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 7 ta' Frar 2014 u tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal- jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom."*

Rat id-digriet tas-7 t'Ottubru, 2014 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar it-Tnejn 27 t'Ottubru, 2014 fis-12:45pm;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, digriet u l-avviz tas-smiegh gew notifikati bil-procedura tal-affissjoni fit-12 ta' Novembru 2014, fil-gazzzetta tal-Gvern fil-14 ta' Novembru 2014 skond il-ligi;

Rat il-verbal tal-25 ta’ Gunju 2015 fejn l-avukati tal-partijiet qabblu li s-sorte ghandha tigi ridotta ghall erbghax –il elf Ewro (€14,000) inkluz il-VAT;

Rat in-nota tal-intimati tal-25 ta’ Gunju 2015, li permezz taghha ammettew li huma debituri tas-socjeta’ atttrici fis-somma t’erbghax –il elf Ewro (€14,000), (a fol. 33);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta’ attrici illi l-istess socjeta attrici ghamlet diversi konsenji tar-rham mibjugha lill-intimati fuq ordni u nkarigu taghhom stess fit-12 ta' Settembru 2014 ghal prezz ta' tletin elf u sebgha u hamsin Ewro (€30,057). Bi qbil bejn il-partijiet kif jidher mill-verbal tal-25 ta' Gunju 2015 **is-sorte gie ridott ghall-erbatax -il elf Ewro (€14,000), inkluz VAT.**

Il-Qorti tqis illi l-provi prodotti mhumiex kontradetti anzi huma ammessi mill-intimati, u ghalhekk t-talbiet kif ridotti jirrizultaw ppruvati.

L-intimati ma qablux pero illi l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ittra ufficjali u cioe mis-7 ta' Frar 2014 stante r-riduzzjoni fl-ammont reklamat. F'sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq materja simili inghad illi l-fatt li l-attur jinterpella lill-konvenut gudizzjarjament ghal hlas ta' somma determinata u specifika:

> ***“jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi (“O’Connor – vs- Bruno Olivier” a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima “in illiquidis non fit mora”***[1]

1 **Fogg Insurance Angies Limited noe vs Paul Tabone**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) Appell numru 1012/1999 (17 ta' Frar 2003).

Ghalkemm l-intimati qatt ma rregistraw kontestazzjoni ghall-pretensjoni tas-socjeta attrici, ebda ammont ma gie depozitat minn naha taghhom taht l-awtorita tal-Qorti sabiex jezimu ruhhom mill-konsegwenzi legali li dan in-nuqqas igib mieghu - Vide **Anthony Turner et vs Francis Agius et noe**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Supejuri) Appell numru 120/1994 deciza fit-28 ta' Novembru 2003.

Illi pero s-socjeta attrici qatt ma pprezentat kopja tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Frar 2014 u ghalhekk l-imghax ma jistghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' din l-ittra ufficjali lill-intimati peress illi mill-provi ma jirrizultax meta, jew jekk, din l-ittra gie innotifikata. Ghalhekk l-interess ghandhom ikun dekorribli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti limitatament ghas-somma ridotta t'erbghax–il elf Ewro (€14,000) u tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' attrici t'erbghax–il elf Ewro (€14,000) bl-imghax dekorribbli mid-19 ta' Novembru 2014 u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**